**Brussell, 16 ta' Lulju 2019**
**(OR. en)**

**10256/2/19**
**REV 2**

**PUBLIC 95**
**INF 181**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - APRIL 2019 |

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'April 2019.[2][3]

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att in kwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

[3] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bagħitarji speċifiċi, eċċ.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill hawnhekk: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min wieħed jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għall-finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'APRIL 2019 | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3685 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fid-9 ta' April 2019** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*<br>Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 111, 25.4.2019, p. 1-3 | 1/19 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ*<br>Regolament (UE) 2019/711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ<br>ĠU L 123, 10.5.2019, p. 1-3 | 66/19 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>ir-Renju Unit: jastjeni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej*<br>Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55-81 | 92/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim ġenerali milħuq mill-koleġislaturi dwar il-proposta għal Regolament ġdid dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-Regolament il-ġdid jagħti riżultati dwar sejħiet għal azzjoni miċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati biex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u l-partitarji. Din toħloq il-kundizzjonijiet għal progress sinifikanti biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bħala strument biex tħeġġeġ id-dibattitu u l-parteċipazzjoni fil-livell Ewropew u biex tressaq lill-UE eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha.

Il-Kummissjoni tibqa' konvinta mill-importanza li tbaxxi l-età ta' appoġġ għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għal 16-il sena. Li tippermetti liċ-ċittadini Ewropej ta' età iżgħar biex jikkontribwixxu ideat dwar x'għandha tagħmel l-UE biex tarrikkixxi d-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet tal-UE u tgħin biex iġib lill-Unjoni eqreb lejn il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ. L-età minima għall-appoġġ ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li hija strument li ma jorbotx, tista' tkun differenti mill-età minima għall-votazzjoni. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha, għaldaqstant, li l-ftehim milħuq ma jbaxxix l-età ta' appoġġ għal 16-il sena fl-UE kollha kif previst fil-proposta oriġinali tagħha. Il-Kummissjoni madankollu tilqa' l-fatt li l-proposta tinkludi l-possibbiltà għall-Istati Membri biex inaqqsu l-età jekk ikunu jixtiequ, u tistedinhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi dwar din il-kwistjoni fir-rieżami regolari tagħha ta' kif l-inizjattiva qed tiffunzjona.

Dwar is-sistemi ta' ġbir online individwali, il-Kummissjoni tibqa' konvinta mill-importanza li l-organizzaturi jkollhom il-possibbiltà li jużaw is-sistemi ta' ġbir online tagħhom stess, biex jiġu żgurati l-flessibbiltà u d-diversità ta' sistemi ta' ġbir. Jiddispjaċiha li l-ftehim ma jiżgurax l-eżistenza kontinwa tas-sistemi ta' ġbir online individwali minkejja l-impenn u l-appoġġ għal dawn is-sistemi mill-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jkunu kkonsultati dwar l-iżviluppi u t-titjib tas-sistema ċentrali ta' ġbir online l-ġdida biex l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tieħu kont tas-suġġerimenti u t-tħassib tagħhom.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Garanzija ta' kontinġenza prudenzjali għal self improduttiv (NPL) - Regolament*<br>Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 111, 25.4.2019, p. 4-12 | 2/19 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Direttiva dwar il-frodi mhux bi flus kontanti*<br>Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA<br>ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18-29 | 89/18 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE, UK |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

"Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-għan tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva") biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali fil-qasam tal-istrumenti ta' pagament mhux bi flus kontanti. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tixtieq tenfasizza t-tħassib tagħha rigward l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-assistenza u l-appoġġ lill-vittmi.

Fil-fehma tagħna, id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità huma koperti b'mod suffiċjenti u komprensiv bid-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (minn hawn 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva dwar il-Vittmi"). Id-Direttiva dwar il-Vittmi tiddefinixxi t-terminu "vittma" bħala persuna fiżika.

Madankollu, skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u appoġġ mhux biss lil persuni fiżiċi iżda wkoll lil persuni ġuridiċi li jkunu ġarrbu ħsara b'riżultat ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 8 tad-Direttiva, u għalhekk jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni ġuridiċi li sfaw vittmi ta' reati kriminali skont din id-Direttiva jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni bħall-persuni fiżiċi.

Għandu jiġi nnutat li għall-kuntrarju ta' persuni fiżiċi li jistgħu jitqiesu wkoll bħala partikolarment vulnerabbli (pereżempju persuni anzjani), il-persuni ġuridiċi għandhom tal-anqas livell minimu ta' profiċjenza, għarfien, esperjenza u huma wkoll mistennija li jkunu familjari ma' riskji possibbli relatati mal-attivitajiet tan-negozju tagħhom. Għalhekk ir-Repubblika Ċeka tqis li m'hemmx bżonn li l-persuni ġuridiċi jingħataw pariri u informazzjoni speċifiċi li jmorru lil hinn minn proċedimenti kriminali, pereżempju kif jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra l-konsegwenzi negattivi tar-reati, bħal ħsara fir-reputazzjoni billi din tipikament tkun is-suġġett ta' proċedimenti ċivili.

<table>
<tr><td colspan="4">Bl-istess mod, l-obbligu li persuni ġuridiċi jingħataw informazzjoni speċifika mingħajr dewmien żejjed wara l-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti jidher li mhux ġustifikat u huwa sproporzjonat. Ir-Repubblika Ċeka tqis li jkun suffiċjenti li l-persuni ġuridiċi jiġu infurmati dwar id-drittijiet proċedurali tagħhom fi proċedimenti kriminali, bħad-dritt li jirċievu informazzjoni dwar il-kawża, skont il-liġi nazzjonali.<br><br>Ir-Repubblika Ċeka tqis ukoll approċċ introdott minn din id-Direttiva bħala twessigħ nonsistematiku u parzjali tad-drittijiet u tal-protezzjoni tal-persuni ġuridiċi peress li japplika biss għall-attività kriminali fil-qasam ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti. Jekk fil-livell tal-UE jkun hemm il-ħtieġa li jiġu rregolati d-drittijiet ta' persuni ġuridiċi li jkunu ġarrbu ħsara b'riżultat ta' reati kriminali, dawn id-drittijiet għandhom jiġu rregolati b'mod sistematiku fi ħdan strument legali ġenerali wieħed.<br><br>Barra minn hekk, l-approċċ introdott mid-Direttiva jikkawża problema terminoloġika. Ir-Repubblika Ċeka hija tal-fehma li t-terminu "vittma" għandu jintuża b'mod konsistenti fl-istrumenti legali kollha tal-UE."</td></tr>
<tr><td>Direttiva dwar l-ECRIS<br>Direttiva (UE) 2019/884 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI<br>ĠU L 151, 7.6.2019, p. 143-150</td><td>87/18 REV 1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br><br>"Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u l-ispirtu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li wieħed jinvoka l-Artikolu 5(4)(2)(b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jkun bi tweġiba għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola tal-prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' dak l-Artikolu ma jistax jitqies sempliċiment bħala setgħa diskrezzjonali tal-leġislatur, iżda jrid jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat."</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja,, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja, u l-Iżvezja**

"1. L-Istati Membri li huma marbuta bid-Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tal-ECRIS, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, fil-futur ser jużaw l-ECRIS unikament abbażi tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, waqt li d-Danimarka ser tkompli tuża l-ECRIS ukoll abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI.

2. Madankollu, id-Direttiva ma temendax l-obbligi tal-Istat Membru li jikkundanna u tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u tal-ħżin ta' informazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva ma tbiddilx l-istruttura tas-sistema ECRIS li tibqa' sistema deċentralizzata ta' teknoloġija tal-informazzjoni msejsa fuq il-bażijiet tad-data tar-rekords kriminali f'kull Stat Membru. Għal dawk ir-raġunijiet, l-obbligi ċentrali tal-ECRIS jibqgħu essenzjalment l-istess bħal qabel l-adozzjoni tad-Direttiva u b'hekk tista' tkompli sservi bħala bażi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra.

3. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tad-Danimarka dwar l-ECRIS, meta jitqies il-fatt li l-obbligi fir-rigward tal-ECRIS huma essenzjalment l-istess bħal qabel l-adozzjoni tad-Direttiva u li d-Danimarka timpenja ruħha li tiżgura li hija ser tkun għadha tista' tiskambja informazzjoni dwar rekords kriminali mal-Istati Membri l-oħra bl-użu ta' software adatt, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li jkomplu jiskambjaw informazzjoni dwar rekords kriminali mad-Danimarka permezz tal-ECRIS. Il-Kummissjoni ser twettaq monitoraġġ ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni."

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka**

"1. Id-Danimarka hi marbuta bi u tapplika d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, u tiskambja informazzjoni dwar rekords kriminali bl-użu tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI.

2. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tad-Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tal-ECRIS, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI.

3. Peress li dik id-Direttiva tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI u tinkludi l-elementi ta' dik id-Deċiżjoni fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, l-Istati Membri marbuta bid-Direttiva fil-futur ser jużaw l-ECRIS unikament abbażi tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, waqt li d-Danimarka ser tkompli tuża l-ECRIS abbażi wkoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI. Madankollu, id-Direttiva ma temendax l-obbligi tal-Istat Membru li jikkundanna u tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u tal-ħżin ta' informazzjoni, u d-Danimarka għandha tkun tista' tkompli tiskambja informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra.

4. Sabiex tiffaċilita t-tkomplija tal-kooperazzjoni permezz tal-ECRIS, u fid-dawl tad-dikjarazzjoni dwar l-ECRIS tal-Istati Membri l-oħra, id-Danimarka timpenja ruħha li tkompli tikkonforma mal-obbligi tekniċi u l-istandards dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali kif stipulati fi u abbażi tad-Deċiżjoni Qafas kif emendata bid-Direttiva. Id-Danimarka timpenja ruħha, b'mod partikolari, li tiżgura li ser tkun għadha tista' tiskambja informazzjoni dwar rekords kriminali mal-Istati Membri l-oħra bl-użu tas-software adatt. Id-Danimarka ser tgħarraf lill-Kummissjoni dwar dan."

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar l-ECRIS-TCN*<br>Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726<br>ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26 | 88/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>"Il-Kummissjoni b'dispjaċir tinnota li l-koleġiżlaturi ddeċidew li jillimitaw l-inklużjoni ta' marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi misjuba ħatja ta' reati u ta 'ċittadini b'ċittadinanza doppja tal-UE/ċittadini ta' pajjiż terzi fis-sistema ECRIS-TCN. Billi l-marki tas-swaba' bħalissa huma l-aktar forma affidabbli għall-identifikazzjoni tal-individwi, il-Kummissjoni b'dispjaċir tinnota dawn il-limitazzjonijiet fuq l-inklużjoni tal-marki tas-swaba', li se jrendu s-sistema ECRIS-TCN inqas effettiva biex tikseb l-għan tagħha li tiżgura li l-informazzjoni mir-rekords kriminali ssir disponibbli b'mod affidabbli għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, il-prevenzjoni tal-abbuż tat-tfal, l-għoti ta' liċenzji u skopijiet leġittimi oħra stabbiliti fil-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva." | | | |
| *Regolament Emendatorju 2018/1806 bi tħejjija għall-Brexit - viża*<br>Regolament (UE) 2019/592 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa, fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni<br>ĠU L 103I, 12.4.2019, p. 1-4 | 71/19 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux qed jipparteċipaw: DK, IE |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

"Ir-Renju Unit (UK):

– jilqa' l-fatt li din il-miżura tipprovdi ċertezza għaċ-ċittadini Brittaniċi, inkluż dawk f'Ġibiltà.
– jiċħad il-mod kif ġiet ippreżentata u kull karatterizzazzjoni ta' Ġibiltà bħala kolonja.
– huwa ċar li l-Kostituzzjoni ta' Ġibiltà tipprevedi relazzjoni moderna u matura bejn ir-Renju Unit u Ġibiltà. Dan huwa status politiku li ġie ddeterminat liberament min-nies ta' Ġibiltà, u bħala tali r-referendum dwar dik il-Kostituzzjoni fl-2006 rrappreżenta eżerċizzju tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni.
– itenni ċ-ċertezza tiegħu mis-sovranità tiegħu fuq Ġibiltà kollha kemm hi u jiċħad il-karatterizzazzjoni ta' dan l-istrument li hemm "kontroversja" dwar is-"sovranità ta' Ġibiltà" li mhix il-pożizzjoni tiegħu u hija inkonsistenti mad-dikjarazzjonijiet li saru f'kull strument preċedenti tal-UE.
– ma jaqbilx li l-lingwaġġ għandu jirreferi għad-deċiżjonijiet tan-NU b'rabta ma' Ġibiltà li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni importanti tal-ivvjaġġar mingħajr viża, filwaqt li jistabbilixxi preċedent li ma jgħin xejn li b'mod mhux adatt jiġu "impurtati" nuqqasijiet ta' qbil li posthom huwa fl-ambitu tan-NU.
– jinnota barra minn hekk li l-lingwaġġ fil-fatt ma jirriflettix b'mod korrett id-deċiżjonijiet annwali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li huma maqbula bil-kunsens tar-Renju Unit u Spanja, u li l-aktar waħda reċenti ġiet inkluża hawn isfel bħala referenza[4] .
– huwa tal-fehma li kien ikun iżjed adatt li jintuża lingwaġġ adattat mill-abbozz ta' Protokoll dwar Ġibiltà tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li kemm ir-Renju Unit kif ukoll l-UE (inkluż Spanja) qablu dwaru: "Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit rigward is-sovranità u l-ġurisdizzjoni"
– jiddispjaċih li l-approċċi tiegħu għal Spanja biex tiġi żviluppata formulazzjoni aktar adatta ma ġewx reċiprokati."

[4] Deċiżjoni annwali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (2018):

L-Assemblea Ġenerali, filwaqt li tfakkar fid-deċiżjoni 72/520 tagħha tas-7 ta' Diċembru 2017:

a) Tħeġġeġ lill-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, biex filwaqt li jagħtu kas tal-interessi u l-aspirazzjonijiet ta' Ġibiltà li huma leġittimi skont id-dritt internazzjonali, jaslu, fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Novembru 1984, għal soluzzjoni definittiva għall-kwistjoni ta' Ġibiltà, fid-dawl tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali u l-prinċipji applikabbli, u fl-ispirtu tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

b) Tieħu nota tax-xewqa tar-Renju Unit li jkompli bil-Forum għal Djalogu trilaterali;

c) Tieħu nota tal-pożizzjoni ta' Spanja li l-Forum għal Djalogu trilaterali m'għadux jeżisti u għandu jiġi sostitwit b'mekkaniżmu ġdid għal kooperazzjoni lokali fejn in-nies ta' Campo de Gibraltar u dawk ta' Ġibiltà jkunu rappreżentati;

Tilqa' l-isforzi li saru minn kulħadd biex jissolvew il-problemi u jsir progress fi spirtu ta' fiduċja u solidarjetà, sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni u jsir progress fl-oqsma ta' interess reċiproku lejn relazzjoni msejsa fuq id-djalogu u l-kooperazzjoni.

<table>
<tr><td>Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari<br>Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari<br>ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59-72</td><td>4/19 REV 2</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumissjoni<br>"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li t-trasparenza tas-swieq agrikoli u alimentari hija element ewlieni ta' katina tal-provvista agrikola u alimentari li tiffunzjona tajjeb, sabiex l-għażliet tal-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi jkunu aktar imnebbħa kif ukoll biex jiġi faċilitat il-fehim tal-operaturi dwar l-iżviluppi tas-suq. Il-Kummissjoni hija mħeġġa tkompli l-ħidma li qiegħda twettaq biex tissaħħaħ it-trasparenza tas-suq fil-livell tal-UE. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-ħidma fuq l-osservatorji tas-suq tal-UE u t-titjib tal-ġbir ta' data statistika meħtieġa għall-analiżi ta' mekkaniżmi ta' formazzjoni tal-prezzijiet tul il-katina tal-provvista agrikola u alimentari."<br><br>Dikjarazzjoni mid-Danimarka<br>"Id-Danimarka tappoġġa l-kompromess li ntlaħaq fuq id-direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista alimentari filwaqt li tqis il-konsiderazzjonijiet li ġejjin.<br>L-ewwel nett, id-Danimarka tirrikonoxxi l-importanza li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista alimentari. Fid-Danimarka, il-livell għoli ta' organizzazzjoni tal-bdiewa f'kooperattivi hija kruċjali biex jiġi żgurat dan. Għaldaqstant, matul in-negozjati d-Danimarka għamlet l-almu tagħha biex tiżgura li d-direttiva tkun kompatibbli mal-mudell kooperattiv. Fil-fehma tad-Danimarka l-kompromess finali jipproteġi l-kooperattiva bħala mudell billi jindirizza l-karatteristiċi speċifiċi tal-kooperattivi b'rabta mal-iskadenzi ta' pagament u l-kuntratti bil-miktub.<br>It-tieni nett, b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, id-Danimarka kontinwament appoġġat lill-proposta tal-Kummissjoni li tipproteġi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi din tikkorrispondi mill-qrib għall-bażi ġuridika tad-direttiva fit-Trattat u l-objettiv li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola.<br>It-tielet nett, huwa essenzjali li l-ġlieda kontra prattiki kummerċjali inġusti ma tikkompromettix il-funzjonament tajjeb tas-suq u lanqas l-orjentazzjoni kontinwa lejn is-suq tal-politika agrikola. Għalhekk, id-Danimarka tisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li r-regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mid-direttiva għandhom jirrispettaw ir-regoli tas-suq intern."<br><br>Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja u l-Lussemburgu<br>"Il-Ġermanja u l-Lussemburgu jassumu li t-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) ma tagħti ebda setgħa ta' intervent lill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed fit-territorju ta' Stat Membru ieħor."</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

"Bħala parti minn approċċ kostruttiv, ir-Repubblika Ċeka tappoġġa t-test ta' kompromess tal-proposta ta' Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina tal-provvista alimentari. **Madankollu, ir-Repubblika Ċeka għadha tqis il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva bbażat fuq l-hekk imsejjaħ "mudell dinamiku"**, skont l-Artikolu 1(2) tal-proposta għal Direttiva, bħala **difett fil-proposta**.

Fil-fehma tar-Repubblika Ċeka, il-kamp ta' applikazzjoni propost ma jikkontribwixxix b'mod sinifikanti għall-funzjonament tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea. Fost affarijiet oħra, il-proposta preżentata ma ssolvix il-kwistjoni tal-proliferazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, l-estensjoni territorjali tagħhom jew l-interkonnessjoni jew sħubijiet bejn operaturi ekonomiċi. Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din il-proposta fil-prattika, il-konformità mal-prinċipju ta' simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv ukoll ma tistax tiġi ggarantita.

Prattiki kummerċjali inġusti, li għandhom effett ta' domino tul il-katina tal-provvista alimentari, jibqgħu inġusti irrispettivament mid-daqs tal-operatur affettwat negattivament minnhom.

Huma għandhom impatt negattiv fuq l-impjiegi u jwasslu għal telf ta' kompetittività u tnaqqis fl-investiment u l-innovazzjoni.

Fil-fehma tar-Repubblika Ċeka, xejn ma jżomm il-proposta għal Direttiva milli tiġi estiża biex tkopri lix-xerrejja kollha. Id-Direttiva tista' tipproteġi wkoll lill-fornituri kollha mingħajr bidla għall-bażi ġuridika (Artikolu 43(2) TFUE). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE ma jiddefinixxix it-tip ta' entità li tista' tiġi rregolata skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-PAK. Fil-fatt, l-esklużjoni awtomatika ta' entitajiet li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tikser il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni skont l-Artikolu 40(2) TFUE, li tipprojbixxi t-trattament mhux indaqs ta' produtturi li huma f'sitwazzjoni simili.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tindika wkoll li miżuri agrikoli li għandhom l-objettiv speċifiku li jissalvagwardjaw il-livell ta' għajxien tal-komunità agrikola, bħal din il-proposta dwar il-prattiki kummerċjali inġusti, jistgħu wkoll jirregolaw entitajiet li mhumiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (sentenza tat-23 ta' Marzu 2006 fil-Kawża C-535/03, Unitymark u North Sea Fishermen's Organisation, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 1990, Kawża C-331/88, Fedesa u oħrajn). L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi fornituri kbar għalhekk tiżgura li l-protezzjoni tal-produtturi agrikoli kollha tkompli tingħata prijorità.

**Prattika kummerċjali inġusta hija inġusta irrispettivament mid-daqs tal-fornitur jew xerrej affettwat negattivament minnha. Fl-interessi ta' katina tal-provvista alimentari sostenibbli u li tiffunzjona sew, id-Direttiva għandha tipproteġi lill-fornituri kollha kontra x-xerrejja kollha, irrispettivament mill-fatturat tagħhom.** Hekk biss l-UE jkollha katina tal-provvista alimentari li hija ġusta għall-fornituri u x-xerrejja. Għaldaqstant, ir-Repubblika Ċeka titlob lill-Kummissjoni Ewropea biex timmonitorja l-funzjonament tad-Direttiva proposta fil-prattika u, jekk xieraq, tipproponi l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-entitajiet kollha."

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar xorb spirituż*<br>Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008<br>ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1-54 | 75/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: EL<br>Astensjoni: HU |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-regoli tat-tikkettar**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li, jekk jintużaw is-setgħat previsti fl-Artikolu 19(1) u 50(3), għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa partikolarment lit-trasparenza tal-informazzjoni għall-konsumaturi għax-xorb spirituż kollu mqiegħed fis-suq fl-Unjoni Ewropea."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-klawżola ta' diżaggregazzjoni**

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-punt 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet jipprovdi li s-setgħat jistgħu jiġu raggruppati bil-kondizzjoni li l-Kummissjoni tipprovdi ġustifikazzjonijiet oġġettivi abbażi tar-rabta sostantiva bejn żewġ setgħat mogħtija jew aktar li jinsabu f'att leġislattiv uniku, u sakemm l-att leġislattiv ma jipprovdix mod ieħor. Il-Kummissjoni tinnota li l-koleġislaturi qablu li jeskludu r-raggruppament ta' setgħat f'dan il-każ, li jista' jikkawża piż amministrattiv addizzjonali u jagħmilha inqas faċli għal dawk affettwati mill-qafas legali li jkollhom aċċess għal sett sempliċi u komprensiv ta' strumenti legali . Il-Kummissjoni tqis li dan ma jistax jitqies li joħloq preċedent għal negozjati leġislattivi oħra li għaddejjin bħalissa."

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ġermanja, id-Danimarka u l-Finlandja**

"Id-delegazzjonijiet tal-Ġermanja, id-Danimarka u l-Finlandja jassumu li l-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-EFSA, fuq inizjattiva tagħha stess u fi żmien xieraq ser tirrieżamina fil-ħin il-kontenut permissibbli ta' aċidu tal-idroġenu u karbamat etiliku fi spirti tal-frott tal-għadma u spirti tal-karfa tal-frott tal-għadma u, jekk meħtieġ, tadotta miżuri biex tnaqqas dawn il-kontenuti, biex tiżgura l-aħjar protezzjoni preventiva tas-saħħa possibbli għall-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea."

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Greċja**<br>"Il-Greċja tixtieq tirringrazzja lill-Kummissjoni u lill-Presidenza tal-Kunsill għall-isforzi tagħhom matul in-negozjati dwar il-ħolqien ta' Regolament ġdid dwar ix-xorb spiritu ż.<br>Minkejja dawn l-isforzi, il-Greċja ma tistax tappoġġa l-proposta għal Regolament, peress li aħna naħsbu li fil-forma finali tagħha ma tissodisfax il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet prattiċi tas-settur, minħabba l-importanza tax-xorb spirituż kemm fil-kummerċ tal-esportazzjoni kif ukoll fil-wirt kulturali tal-UE.<br>B'mod aktar speċifiku, aħna naħsbu li dwar kwistjonijiet partikolarment importanti bħar-reġim, u l-proċedura għar-rikonoxximent, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ma tqisux il-karatteristiċi partikolari tas-settur, filwaqt li r-reġim speċifiku ta' indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti li jirriżultaw mir-Regolament oriġinali 1576/89, li bih ġew rikonoxxuti bħala l-eżitu tal-ftehim politiku fil-Kunsill, ġie injorat.<br>Fl-aħħarnett, ir-Regolament propost iqajjem kwistjonijiet li jikkonċernaw it-trasparenza u l-effettività tal-intervent mill-Istati Membri, sakemm jipprovdi għal atti delegati tal-Kummissjoni biex jirregolaw kwistjonijiet li huma fundamentali għas-settur u ta' importanza kbira politika u ekonomika." | | | |
| *Regolament biex jittawwal il-perijodu taż-żmien tal-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħrajn minbarra t-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (Artikolu 278)*<br>Regolament (UE) 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 biex jittawwal il-perijodu taż-żmien tal-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħrajn minbarra t-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni<br>ĠU L 111, 25.4.2019, p. 54-58 | 44/19 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: LT, NL |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilqgħu r-Rapport Speċjali Nru 26/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Bosta dewmien fis-Sistemi tal-IT doganali: x'mar ħażin?" u rapporti rilevanti oħra reċenti fil-qasam tad-dwana, li taw lill-koleġislaturi ħarsa ġenerali aħjar lejn il-kawżi għad-dewmien fl-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT meħtieġa għat-titjib tal-operazzjonijiet doganali fl-UE.
Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu li kwalunkwe awditu futur mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jivvaluta r-rapporti mħejjija mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 278a tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex jiġi evitat aktar dewmien.
Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqisu bis-sħiħ dawn l-awditi."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-proposta li tittawwal l-iskadenza għall-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħra għajr it-tekniki ta' pproċessar ta' data elettronika previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tinnota li kwalunkwe ħidma futura mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li tivvaluta r-rapporti mħejjija mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 278a tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv biex jiġi evitat aktar dewmien.
Jekk il-Qorti tal-Awdituri tiddeċiedi li tivvaluta r-rapporti tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 287(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, se tikkollabora b'mod sħiħ mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tieħu kont sħiħ ta' dawn is-sejbiet."

**Dikjarazzjoni Konġunta min-Netherlands u l-Litwanja**

"In-Netherlands u l-Litwanja jagħrfu l-importanza tal-fajl imsemmi hawn fuq u japprezzaw ferm il-progress li nkiseb matul in-negozjati fuq il-fajl. Madankollu, in-Netherlands u l-Litwanja għadhom imħassba dwar l-iskadenza tal-2022 għall-implimentazzjoni ta' sistemi nazzjonali tal-IT.
It-test ta' kompromess finali li ser jitressaq quddiem il-Coreper fl-14 ta' Frar 2019 għall-konferma bil-ħsieb li jintlaħaq qbil jiddikjara li s-Sistemi TransEwropej jistgħu jintużaw fuq bażi tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2025 filwaqt li sistemi nazzjonali jistgħu jintużaw mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. Għan-Netherlands u l-Litwanja d-distinzjoni bejn is-sistemi TransEwropej u dawk nazzjonali, bi skadenzi differenti applikati, ser iwasslu għal spejjeż żejda mhux meħtieġa għall-awtoritajiet tad-dwana. Peress li s-sistemi nazzjonali huma ferm marbuta mas-Sistemi TransEwropej, il-perijodu tranżizzjonali għas-Sistemi TransEwropej u dawk nazzjonali kellu b'hekk ikun l-istess fit-test finali.
In-Netherlands esprimew it-tħassib tagħhom fuq din il-kwistjoni f'dikjarazzjoni mressqa quddiem il-Coreper u inkluża fil-minuti tiegħu (14 ta' Novembru 2018; il-punt I-27 fuq l-aġenda).
Huwa b'hekk b'dispjaċir li n-Netherlands u l-Litwanja ser ikollhom jastjenu."

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ġermanja, id-Danimarka u Spanja**<br>"Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, id-Danimarka u Spanja jagħtu importanza kbira lill-implimentazzjoni ulterjuri tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u jirrikonoxxu li kellhom isiru sforzi eċċezzjonalment kbar biex jintlaħaq kompromess. Huwa biss f'dan il-kuntest li nistgħu naqblu mal-proposta. Madankollu, fir-rigward tal-kontenut, għad għandna riżervi u dawn tleħħnu ripetutament minn Stati Membri oħra matul in-negozjati:<br>Il-proposta tipprevedi perijodu sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-iżvilupp ta' ċerti sistemi mill-UE, filwaqt li l-Istati Membri ser ikollhom ilestu s-sistemi nazzjonali tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. Huwa ferm probabbli li din id-differenza ser tikkawża spejjeż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet doganali, billi, minħabba r-rabta mill-qrib li hemm bejn is-sistemi tal-UE u dawk nazzjonali, huwa mistenni li jkun hemm għadd kbir ta' adattamenti fis-sistemi nazzjonali. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-fatt li japplikaw skadenzi differenti jista' jwassal għar-riskju speċifiku li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jwettqu l-adattamenti fis-sistemi nazzjonali fil-ħin." | | | |
| *Regolament dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali*<br>Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali<br>ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1-14 | 82/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi*<br>Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70–115 | 81/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: UK |
| *Regolament dwar l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà*<br>Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15-69 | 86/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: HR |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>"Ir-Renju Unit jixtieq jirreġistra l-appoġġ tiegħu għar-Regolament dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u dwar iċ-Ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Ir-Renju Unit huwa impenjat li jippromwovi s-sigurtà u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali msaħħa.<br>Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jirreġistra l-fehma tiegħu li huwa ma jirrikonoxxix it-terminu "qalba essenzjali pubblika" (tal-internet miftuħ) kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) u l-Premessa 23. Peress li huwa netwerk ta' netwerks, ir-Renju Unit ma jirrikonoxxix li l-internet għandu "qalba essenzjali". Ir-Renju Unit iqis li dan il-kliem jista' jintuża biex jippromwovi l-frammentazzjoni tal-internet, li jkun ta' dannu għall-pożizzjonijiet meħuda mill-UE u l-Istati Membri li qed jippruvaw jevitaw dan. It-terminu "pubblika" jista' jiġi interpretat bħala li jfisser responsabbiltà governattiva għall-Internet, li huwa kontra l-mudell tal-governanza tal-internet b'bosta partijiet ikkonċernati li huwa appoġġat mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Ir-Renju Unit iqis li huma meħtieġa aktar diskussjonijiet biex niddefinixxu kif nitħaddtu dwar il-funzjonijiet ċentrali li jirfdu l-operat normali tal-internet.<br>Ir-Renju Unit jibqa' tal-fehma li l-approċċ b'bosta partijiet ikkonċernati hu l-aħjar mod kif issir il-ġestjoni tal-kumplessitajiet tal-governanza tal-internet u ser ikompli jħabrek mas-sħab internazzjonali tiegħu biex jitħares il-ġejjieni fit-tul ta' ċiberspazju liberu, miftuħ, paċifiku u sigur." |
| **Dikjarazzjoni mill-Kroazja**<br>"Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tesprimi l-appoġġ tagħha għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà).<br>Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tirreġistra li mhix kuntenta bil-verżjoni attwali bil-Kroat tar-Regolament, jiġifieri bl-ekwivalenti bil-Kroat tat-terminu bl-Ingliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu bil-lingwa Kroata, kwistjoni li qajjimna f'diversi livelli fil-Kunsill. Ir-Repubblika tal-Kroazja tinsab serjament imħassba li l-verżjoni attwali tar-Regolament bil-Kroat tista' twassal għal inċertezza legali.<br>Ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li t-terminoloġija użata mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija nazzjonali legali li diġà teżisti biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali.<br>Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur u tappoġġa l-isforzi kollha biex jitjiebu l-kapaċitajiet u r-reżiljenza taċ-ċibersigurtà Ewropea.<br>Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja ser tastjeni mill-vot u l-adozzjoni tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà." |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru*<br>Regolament (UE) 2019/712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004<br>ĠU L 123, 10.5.2019, p. 4-17 | 77/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: EL |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

"Il-Greċja tixtieq tirringrazzja lill-Presidenza għall-isforzi tagħha biex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew, iżda sfortunatament hija ma tistax tappoġġa t-test ta' kompromess finali u ser tivvota kontra. L-eżitu tan-negozjati jvarja b'mod sinifikanti mill-Approċċ Ġenerali, li diġà ma kienx aċċettabbli għall-Greċja, u li ma jiħux kont tat-tħassib tagħna, li tqajjem b'mod konsistenti fl-istadji kollha tad-diskussjonijiet dwar dan il-fajl.
Ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-Greċja huma, fost l-oħrajn:

- In-nuqqas ta' ċarezza fis-suġġett u fir-rigward ta' ċerti definizzjonijiet importanti (bħal "theddida ta' ħsara", "l-interess tal-Unjoni", "ħsara irriversibbli") kif ukoll fir-rigward tal-proċedimenti, iwassal għal inċertezza legali.
- Il-prattiki li jfixklu l-kompetizzjoni mhumiex imsemmija b'mod espliċitu u l-miżuri ta' rimedju operazzjonali previsti fil-proposta mhumiex elenkati b'mod eżawrjenti, u b'hekk tinħoloq aktar ambigwità. Barra minn hekk, m'hemm ebda "eskalazzjoni" ta' dawn il-miżuri skont il-portata tal-ħsara, u għaldaqstant m'hemm la prevedibbiltà legali, u lanqas rabta bejn prattika speċifika u r-"rimedju" rispettiv.
- Ir-Regolament jista' jkollu impatt qawwi fuq ir-relazzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri ma' partijiet terzi, fil-qasam tal-avjazzjoni; dan huwa minħabba, fost l-oħrajn, l-inkompatibbiltà li jidher li hemm bejn it-test propost u d-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bl-ajru. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' timpedixxi lill-Istati Membri milli jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom."

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Direttiva dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet*<br>Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116–142 | 85/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: DE |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>"Id-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri tikkomplementa l-qafas ġuridiku tal-Unjoni li jirregola r-rimi minn vapuri ta' sustanzi li jniġġsu, li jinkludi wkoll id-Direttiva dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn vapuri ("id-Direttiva PRF") billi tipprovdi mekkaniżmi ġuridiċi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regolamenti dwar ir-rimi skont il-Konvenzjoni MARPOL. Għal dan il-għan, id-Direttiva 2005/35/KE għandha tqis il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva PRF, b'mod partikolari fir-rigward tas-sustanzi li jniġġsu u l-flussi tal-iskart.<br>Meta wieħed iqis li d-Direttiva 2005/35/KE attwali tkopri biss is-sustanzi u r-regolamenti tal-iskarikar li jaqgħu taħt l-Annessi I u II tal-MARPOL, u bħala tali mhijiex allinjata kompletament mad-Direttiva PRF f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni (id-Direttiva PRF il-ġdida se tkopri l-iskart kif definit fl-Annessi I, II, IV, V u VI tal-MARPOL, u tirreferi wkoll għan-normi ta' skarikar ta' dawk l-Annessi tal-MARPOL), il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejħa tal-koleġiżlaturi biex tivvaluta l-ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva 2005/35/KE sabiex jiġi pprovdut qafas leġiżlattiv adegwat biex jiġi indirizzat it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.<br>Għalhekk, b'referenza għall-premessa 23a tad-Direttiva PRF futura, il-Kummissjoni tikkunsidra li twettaq il-proċess ta' rieżami tad-Direttiva 2005/35/KE."<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>"Fil-prinċipju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa r-reviżjoni tad-Direttiva 2000/59/KE u l-għanijiet tagħha. Nilqgħu b'mod partikolari l-allinjament neċessarju tal-liġi tal-UE mal-qafas ġuridiku internazzjonali sabiex titjieb il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mill-iskart tal-bastimenti. Madankollu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja topponi l-introduzzjoni ta' arranġamenti obbligatorji għas-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż minflok arranġamenti volontarju, kif previst fl-Artikolu 8(4b) tad-Direttiva fil-proposta oriġinali. Il-kompromess ma jqisx kif xieraq id-differenzi fid-daqs u l-istrutturi tal-portijiet. Aħna nissottolinjaw li deċiżjonijiet bħal dawn dwar it-tariffi portwarji jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tistax tappoġġa l-qbil li ntlaħaq fit-tielet trilogu." | | | |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR | 7793/19 REV 1 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp*<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp<br>ĠU L 103, 12.4.2019, p. 26-28 | 6559/19 |
| *Semestru Ewropew 2019 – Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro*<br>RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<br>ĠU L 136, 12.4.2019, p. 1-4 | 5643/19 |
| *Ftehim dwar l-Istatus mal-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija EBCG fil-Bożnija-Ħerzegovina*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/634 tad-9 ta' April 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina<br>ĠU L 109, 24.4.2019, p. 1-3 | 7195/19 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-ratifika tal-Konvenzjoni 108 emendata dwar il-protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/682 tad-9 ta' April 2019 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali<br>ĠU L 115, 2.5.2019, p. 7-8 | 10923/18 |

| | |
|---|---|
| *UPPE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/598 tad-9 ta' April 2019 dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perijodu ta' mandat u matulu, previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939<br>ĠU L 103, 12.4.2019, p. 29-30 | |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jsiru parti għall-Konvenzjoni dwar Approċċ Integrat għas-Sikurezza waqt Logħob tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS Nru 218)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/683 tad-9 ta' April 2019 li tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru partijiet, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat għas-Sikurezza, is-Sigurtà u s-Servizzi f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS Nru. 218)<br>ĠU L 115, 2.5.2019, p. 9-10 | 12527/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tittieħed fi ħdan il-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim bejn l-UE u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/614 tad-9 ta' April 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Bord, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni<br>ĠU L 105, 16.4.2019, p. 11-24 | 7605/19 |
| *Rakkomandazzjoni għal gwida għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul | 7824/19 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**<br>"L-Irlanda qajmet b'mod konsistenti tħassib dwar is-sikurezza rigward il-proposta attwali għal Rakkomandazzjoni dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul. L-Irlanda kienet involuta b'mod attiv fil-ħidma dwar din ir-Rakkomandazzjoni fuq il-livell ta' esperti u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu bil-għan li ttejjeb il-livelli ta' sikurezza proposti. Għandna pjaċir li xi wħud mill-kummenti tagħna ġew inklużi. Madankollu, xi wħud mill-kummenti aktar sostantivi tagħna dwar is-sikurezza ma ġewx inklużi. B'mod partikolari, l-Irlanda tqis li l-livelli ta' sikurezza kif deskritti bħalissa fir-Rakkomandazzjoni u l-Anness tagħha huma baxxi ħafna u ħafna iktar baxxi minn dawk li bħalissa japplikaw fl-Irlanda u fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.<br>Is-sikurezza tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri hija kwistjoni ta' sikurezza nazzjonali ewlenija għall-Irlanda peress li bastimenti li joperaw barra mill-kosta tagħna qed joperaw f'xi wħud mill-aktar ambjenti tal-baħar ostili fid-dinja b'temp aħrax u xtut esposti. Hija l-fehma tal-Irlanda li l-livelli ta' sikurezza proposti fir-Rakkomandazzjoni huma baxxi wisq u jesponu liċ-ċittadini tal-UE għal riskji ta' sikurezza tat-trasport inaċċettabbli. Fuq din il-bażi, l-Irlanda tqis li għandu jkun hemm standard vinkolanti għas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE u li Rakkomandazzjoni mhix mezz xieraq biex tinkiseb is-sikurezza tal-passiġġieri. Barra minn hekk, l-Irlanda konsistentement irrakkomandat li l-istandard tal-bastiment għandu jkun separat mill-operat tal-bastiment. Dan ifisser li filwaqt li jkun hemm standard vinkolanti tal-UE għall-bastimenti, il-kwistjonijiet operattivi u l-limiti tal-istess rotta jkunu rregolati mill-istat tal-port u l-istat ospitanti fil-livell tal-Istati Membri. Dan għaliex l-Istat Membru qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jevalwa dawn billi juża tagħrif lokali dwar ir-rotot, it-temp u l-portijiet. Barra minn hekk, l-Irlanda qajmet tħassib rigward il-miżuri ta' verifika u ta' implimentazzjoni. Billi l-vapuri tal-passiġġieri jenħtieġ li jkunu rreġistrati u soġġetti għall-kontroll tal-istat tal-bandiera, tal-istat tal-port u tal-istat ospitanti, huwa essenzjali għas-sikurezza ta' tali bastimenti li kontrolli bħal dawn ikomplu.<br>L-Irlanda tilqa' l-fatt li ser isiru aktar studji f'dan il-qasam u aħna ser ninvolvu ruħna fihom b'mod attiv. Madankollu, l-Irlanda tqis li l-livelli ta' sikurezza li għandhom jinkisbu f'dawn l-istudji għall-ġarr tal-passiġġieri fl-UE bl-ebda mod m'għandhom jitnaqqsu jew jiddgħajfu u li l-livelli ta' sikurezza li għandhom jinkisbu għandhom ikunu konformi mal-istandards eżistenti ta' sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri f'livell tal-UE, internazzjonali u nazzjonali." | |
| *Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030*<br>Konklużjonijiet dwar id-Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030" | 8071/19 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' April 2019** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 tal-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva<br>ĠU L 93, 2.4.2019, p. 3-14 | 7039/19 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/539 tal-1 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 93, 2.4.2019, p. 15-15 | 7346/19 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-13 ta' April 2019** | |
| **ATTI MHUX LEĠISLATTIVI** | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/642 tat-13 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/274 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 110I , 25.4.2019, p. 1-3 | 21027/19 |
| Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<br>ĠU L 46I , 25.4.2019, p. 1-184 | 21028/19 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika | 21105/19 REV 2 |

| It-3686 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' April 2019 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Regolament dwar standards tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet*<br>Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13-53 | 6/1/18 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: HU<br>Astensjoni: BG |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>"Matul ir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 15 u meta tipproponi, jekk ikun xieraq, emenda leġiżlattiva għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se twettaq il-konsultazzjonijiet rilevanti skont it-Trattati. B'mod partikolari, hija se tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri f'dak il-kuntest. Bħala parti minn dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni se tistħarreġ ukoll l-adegwatezza tal-limitu massimu ta' 5 % speċifikat fil-punt 6.3 tal-Parti A tal-Anness I fid-dawl tal-bżonn li titħaffef il-promozzjoni ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi fl-Istati Membri kkonċernati."<br><br>**Dikjarazzjoni Konġunta mil-Lussemburgu u l-Belġju**<br>"Il-Lussemburgu u l-Belġju jilqgħu l-fatt li seta' jintlaħaq ftehim mill-koleġislaturi qabel tmiem din il-leġislatura dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief, biex b'hekk tkun garantita l-kontinwità tal-leġislazzjoni tal-UE f'settur li huwa sors ewlieni ta' emissjonijiet u l-kontinwità taċ-ċarezza għall-investituri, il-fabbrikanti tal-karozzi, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini.<br>Madankollu, jiddispjaċina li l-livell ta' ambizzjoni li ġie deċiż kien ħafna aktar baxx mil-livell meħtieġ biex l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport bit-triq fl-UE jiġu allinjati mal-objettivi stabbiliti bil-Ftehim ta' Pariġi jew biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi nazzjonali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ stabbiliti bir-regolament hekk imsejjaħ tal-"kondiviżjoni tal-isforzi", minkejja l-fattibbiltà teknika u bosta vantaġġi li seta' joffri livell ogħla ta' ambizzjoni għall-ekonomija tal-UE, għall-politika industrijali tagħha u għall-integrità ambjentali tal-politiki tagħha.<br>Jiddispjaċina wkoll li ċerti dispożizzjonijiet li ġew deċiżi fil-qafas tal-mekkaniżmu li jinkoraġġixxi l-vetturi b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet (ZLEV) idgħajfu l-livell ta' tnaqqis reali tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ miksuba minn dan ir-regolament u nibżgħu li jiġu sfruttati mill-fabbrikanti b'tali mod li jista' jwassal għal distorsjonijiet tas-suq intern.<br>B'konsegwenza ta' dan, nitolbu lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi biex jimplimentaw miżuri u strumenti Ewropej supplementari, b'mod partikolari mezzi finanzjarji, biex ikun hemm l-aktar transizzjoni rapida possibbli lejn vetturi mingħajr emissjonijiet fl-UE. Nitolbu wkoll lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib il-mod li bih il-fabbrikanti jikkonformaw mar-Regolament il-ġdid u biex tieħu miżuri f'każ ta' abbuż." | | | |

<table>
<tr><td>Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Gass<br>Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.)<br>ĠU L 117, 3.5.2019, p. 1-7</td><td>58/1/19 REV 1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: BG</td></tr>
<tr><td>Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali<br>Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92-125</td><td>51/1/19 REV 1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: IT, LU, NL, PL, FI, SE<br>Astensjoni: BE, EE, SI</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni Konġunta min-Netherlands, il-Lussemburgu, il-Polonja, l-Italja u l-Finlandja<br>"L-objettivi ta' din id-Direttiva kienu li jittejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li jiġu stimulati l-innovazzjoni, il-kreattività, l-investiment u l-produzzjoni ta' kontenut ġdid, anke fl-ambjent diġitali. Il-firmatarji jappoġġjaw dawn l-objettivi. It-teknoloġiji diġitali biddlu radikalment il-mod kif jiġi prodott, distribwit u aċċessat il-kontenut. Il-qafas leġislattiv jeħtieġ li jirrifletti u jiggwida dawn il-bidliet.<br>Madankollu, fil-fehma tagħna, it-test finali tad-Direttiva jonqos milli jwassal b'mod adegwat l-għanijiet imsemmija hawn fuq. Nemmnu li d-Direttiva fil-forma attwali tagħha hija pass lura aktar milli pass 'il quddiem għas-Suq Uniku Diġitali.<br>B'mod partikolari, jiddispjaċina li d-Direttiva ma tiksibx il-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini u l-kumpanniji tal-UE. Għalhekk tirriskja li xxekkel l-innovazzjoni aktar milli tippromwoviha u li jkollha impatt negattiv fuq il-kompetittività tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew.<br>Barra minn hekk, inħossu li d-Direttiva jonqosha ċarezza legali, u ser twassal għal inċertezza legali għal ħafna partijiet ikkonċernati u tista' tinterferixxi fid-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE.<br>Għalhekk, ma nistgħux nesprimu l-kunsens tagħna għat-test propost tad-Direttiva".<br>Dikjarazzjoni mill-Estonja<br>"L-Estonja minn dejjem appoġġat l-għan tad-Direttiva, jiġifieri aċċess aħjar għal kontenut online, il-funzjonament ta' eċċezzjonijiet ewlenin fl-ambjent diġitali u transkonfinali u l-funzjonament aħjar u bbilanċjat tas-suq tad-drittijiet tal-awtur.<br>Madankollu, l-Estonja tqis li t-test finali tad-Direttiva ma jiksibx bilanċ suffiċjenti bejn l-interessi differenti fl-aspetti kollha.<br>Barra minn hekk, reċentement l-Estonja kellha l-elezzjonijiet parlamentari u l-gvern u l-parlament il-ġodda tagħna għad ma setgħux jagħtu l-pożizzjoni tagħhom dwar it-test ta' kompromess finali."</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

"1. Il-Gvern Federali Ġermaniż jaqbel mad-Direttiva proposta dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva") fil-verżjoni li tinsab fil-kompromess tat-trilogu tat-13 ta' Frar 2019, billi r-riforma fl-intier tagħha tikseb aġġustamenti meħtieġa b'mod urġenti għall-qafas legali Ewropew mhux aġġornat, bħad-dispożizzjonijiet fuq it-test u l-estrazzjoni tad-data, xogħlijiet li ma għadhomx fil-kummerċ u d-dritt kuntrattwali għall-artisti.

2. Fl-istess waqt, il-Gvern Federali Ġermaniż jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil fuq kunċett ta' responsabbiltà għad-drittijiet tal-awtur ta' pjattaformi ta' upload li jista' jiġi appoġġat b'mod ġenerali mill-partijiet kollha. Hemm kunsens mifrux li persuni kreattivi għandhom jipparteċipaw fl-isfruttament tal-kontenut tagħhom permezz ta' pjattaformi ta' upload. Madankollu, b'mod partikolari l-obbligu previst fl-Artikolu 17 tad-Direttiva li tiġi żgurata t-tneħħija permanenti ta' kontenut protett u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-algoritmi ("filtri tal-upload") li x'aktarx jintużaw f'dan il-kuntest intlaqgħu b'riżervi serji u kritika mifruxa mill-pubbliku Ġermaniż. Il-vot fil-Parlament Ewropew fis-26 ta' Marzu 2019 żvela wkoll il-qasma kbira bejn is-sostenituri u l-kritiċi.

3. L-attenzjoni tal-isforzi tagħna qiegħda fuq l-artisti, l-awturi u fl-aħħar mill-aħħar il-persuni kreattivi kollha li naturalment jagħmlu użu mill-għodod ġodda li d-diġitalizzazzjoni u l-konnettività jipprovdu għax-xogħol kreattiv. Il-Gvern Federali Ġermaniż naturalment mhuwiex qed iqajjem dubji dwar il-ħtieġa li jiġi protett ix-xogħol kreattiv fuq l-internet, u li jiġi żgurat li l-persuni kreattivi jirċievu remunerazzjoni xierqa għal xogħol bħal dan.

4. Skont l-Artikolu 17(10), il-Kummissjoni Ewropea hi meħtieġa li twettaq djalogu mal-gruppi ta' interess kollha kkonċernati sabiex jiġu żviluppati linji gwida għall-applikazzjoni tal-Artikolu 17. Id-dispożizzjoni titlob b'mod espliċitu li jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali u l-possibbiltà li jintuża kontenut protett fuq pjattaformi ta' upload fil-qafas tal-awtorizzazzjonijiet legali. Il-Gvern Federali Ġermaniż għalhekk jassumi li dan id-djalogu huwa bbażat fuq spirtu ta' garanzija ta' remunerazzjoni xierqa għall-persuni kreattivi, il-prevenzjoni tal-"filtri tal-upload" kull fejn possibbli, l-iżgurar tal-libertà tal-espressjoni u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-utenti. Il-Gvern Federali Ġermaniż jassumi li f'dan id-djalogu ser jintlaħaq qbil dwar implimentazzjoni uniformi madwar l-Unjoni kollha, billi implimentazzjoni frammentarja b'27 varjant nazzjonali ma tkunx kompatibbli mal-prinċipji ta' Suq Uniku Diġitali Ewropew. Abbażi ta' din id-dikjarazzjoni, il-Gvern Federali Ġermaniż ser jipparteċipa f'dan id-djalogu.

5. Fejn jintużaw soluzzjonijiet tekniċi f'dak ir-rigward, ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-data tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data għandhom jiġu rispettati u l-UE għandha tħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'sors miftuħ ma' interfaċċi miftuħa (APIs). Software b'sors miftuħ jiggarantixxi t-trasparenza, filwaqt li interfaċċi miftuħin jiżguraw interoperabbiltà u standardizzazzjoni. Dan jista' jipprevjeni pjattaformi dominanti fis-suq milli jikkonsolidaw aktar is-saħħa tagħhom fis-suq permezz tat-teknoloġiji stabbiliti ta' ffiltrar tagħhom. Fl-istess ħin, l-UE trid tiżviluppa kunċetti li jiġġieldu reġistru tad-drittijiet tal-awtur de facto f'idejn pjattaformi dominanti permezz ta' proċeduri ta' notifika pubbliċi u trasparenti.

6. L-ewwel nett, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva għandhom jiġu indirizzati u ċċarati, peress li r-regoli huma mmirati biss lejn dawk il-pjattaformi li huma dominanti fis-suq li jagħmlu aċċessibbli kwantitajiet kbar ta' uploads protetti bid-drittijiet tal-awtur u li jibbażaw il-mudell tan-negozju kummerċjali tagħhom fuq tali prattika, jiġifieri servizzi bħal YouTube jew Facebook. Fl-istess ħin, ser nagħmluha ċara li servizzi bħal Wikipedia, repożitorji tal-università, blogs u forums, pjattaformi ta' software bħal Github, offerti ta' interess speċjali mingħajr ebda konnessjoni mal-industrija kreattiva, servizzi ta' messaġġiera bħal WhatsApp, portali ta' bejgħ jew servizzi ta' cloud mhumiex pjattaformi skont it-tifsira tal-Artikolu 17. Barra minn hekk, ser niżguraw eżenzjoni għan-negozji ġodda.

7. Barra minn hekk, huwa ċar li l-pjattaformi ta' upload għandhom ikomplu jkunu disponibbli bħala mezzi ħielsa u mhux iċċensurati għas-soċjetà ċivili fil-ġejjieni. L-Artikolu 17 (7) u (8) jistipula li, b'rabta ma' dan, il-miżuri protettivi għal pjattaformi ta' upload ma jridux ixekklu l-użu permess ta' kontenut protett. Aħna partikolarment impenjati lejn dan minħabba li l-pjattaformi ta' upload huma wkoll opportunità għal persuni kreattivi, li jgħinuhom jilħqu udjenza dinjija mingħajr dar ta' pubblikazzjoni jew kumpannija diskografika.

8. L-għan irid ikun li l-istrument tal-'filtru tal-upload' ma jibqax meħtieġ. Kull mekkaniżmu ta' tneħħija permanenti ('filtru tal-upload') irid iħares il-prinċipju tal-proporzjonalità. Għandhom jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, garanziji proċedurali, pereżempju meta l-utenti javżaw li huma qegħdin legalment itellgħu kontenut minn partijiet terzi. F'dawn il-każijiet it-tħassir ma jkunx jista' jsir awtomatikament, iżda biss wara kontroll minn persuna. Fl-istess waqt, għandhom jingħataw biżżejjed provi tad-drittijiet fuq kwalunkwe kontenut li jkollu jitneħħa, sakemm l-informazzjoni ma tkunx ġejja minn sinjalatur fdat. Fi kwalunkwe każ il-pjattaformi għandhom jagħtu garanzija ta' aċċess faċli għal mekkaniżmu ta' lmenti biex jissolvew każijiet kontenzjużi b'mod effettiv u mill-aktar fis possibbli.

9. Barra minn hekk, l-użu ta' kontenut protett fuq pjattaformi ta' upload għal kritika jew reċensjonijiet, għal karikaturi, parodiji jew pastiċċ, jew saħansitra fil-kuntest tal-'limitu ta' kwotazzjoni', huwa permess u mingħajr ħlas. F'każijiet bħal dawn id-detentur tad-drittijiet xorta waħda ma jgħaddi minn ebda telf ekonomiku. Għall-użi l-oħrajn kollha l-pjattaformi għandhom jiksbu liċenzji, jekk ikunu disponibbli b'mod relattivament faċli u bi ħlas ġust. Ser neżaminaw kif jista' jiġi garantit is-sehem ġust ta' persuni kreattivi f'dan id-dħul mil-liċenzji permezz ta' talbiet għal ħlas dirett, inkluż f'dawk il-każijiet fejn il-kumpannija diskografika, id-dar ta' pubblikazzjoni jew il-produttur ikollhom id-drittijiet esklużivi. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi ggarantita rimunerazzjoni xierqa għal kull kontenut ġdid li jinħoloq fuq pjattaformi ta' upload u użat għal skopijiet kummerċjali. Fuq kollox, ir-rikavat minn użi fuq pjattaformi ta' upload li huma mixtieqa għal raġunijiet politiċi wkoll irid jilħaq lill-persuni kreattivi nfushom.

10. L-Artikolu 17 għandu l-għan li jimmonetizza l-użu ta' kontenut protett fuq pjattaformi ta' upload biex tiġi żgurata rimunerazzjoni xierqa u ġusta għall-awturi u l-artisti. Il-Gvern Federali Ġermaniż għandu l-istess mira. Fil-kompromess Ewropew, il-ħruġ ta' liċenzji huwa l-metodu magħżul biex din il-mira tintlaħaq. L-Artikolu 17(4) jipprevedi li, sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom, il-pjattaformi ta' upload iridu jkunu 'għamlu l-isforzi kollha' biex jiksbu l-liċenzji. Dan ser ikun kruċjali fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Iridu jinstabu soluzzjonijiet fattibbli biex jinkisbu l-liċenzji. Minkejja li fil-prattika ma jistgħux jiġu imposti rekwiżiti mhux raġonevoli fuq il-pjattaformi, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-isforzi biex jinkisbu l-liċenzji jkunu marbuta ma' offerti ġusti ta' rimunerazzjoni.

11. Sabiex tissolva din il-kwistjoni – ta' kif il-liċenzji jistgħu, sa fejn possibbli, jiġu konklużi għall-kontenut kollu fuq pjattaformi ta' upload – il-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur tipprevedi ħafna mekkaniżmi oħra minbarra ħruġ ta' liċenzji individwali 'tradizzjonali' (eż. eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet, possibbilment marbutin ma' drittijiet ta' rimunerazzjoni; l-alternattiva li drittijiet esklużivi jinbidlu fi drittijiet ta' rimunerazzjoni; l-obbligu li l-kuntratti jiġu konklużi b'termini raġonevoli; u l-involviment ta' assoċjazzjonijiet ta' artisti kreattivi bħal soċjetajiet kollettriċi).

12. Il-Gvern Federali ser jeżamina dawn il-mudelli kollha. Jekk jidher li l-implimentazzjoni wasslet għal restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni jew jekk il-linji gwida stipulati hawn fuq jiltaqgħu ma' xkiel fil-liġi tal-UE, il-Gvern Federali ser jaħdem biex jiżgura li n-nuqqasijiet identifikati fil-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur jiġu kkoreġuti."

<table>
<tr><td>Direttiva dwar is-SatCab<br>Direttiva (UE) 2019/789 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 130, 17.5.2019, p. 82-91</td><td>7/1/19/REV/1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: SI</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>"Il-Kummissjoni tieħu nota li t-test adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-Direttiva li tistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tissostitwixxi l-bażi legali miżmuma fil-proposta tagħha (l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, TFUE) mal-bażi legali kombinata tal-Artikoli 53(1) u 62 TFUE.<br>Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Artikoli 53(1) u 62 TFUE jipprevedu bażi legali speċifika, u għalhekk jistgħu jkunu kkunsidrati 'lex specialis', għad-direttivi rigward aċċess għal attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Il-leġislazzjoni li teċċedi dak il-kamp ta' applikazzjoni għandha tkun ibbażata b'mod aktar korrett fuq il-bażi legali ġenerali relatata mal-kisba tas-suq intern (l-Artikolu 114 TFUE). Iż-żewġ bażijiet legali (l-Artikolu 114, u l-Artikoli 53(1) u 62 TFUE) ukoll setgħu jintużaw magħha, jekk meħtieġ.<br>Fi spirtu ta' kompromess u bil-ħsieb tal-adozzjoni immedjata tal-proposta mill-Unjoni, il-Kummissjoni tappoġġa t-test finali. Madankollu, hija jiddispjaċiha dwar it-tneħħija tal-Artikolu 114 TFUE bħala l-bażi legali tad-Direttiva u tafferma mill-ġdid li forniment tat-TFUE għandu jintuża fil-leġislazzjoni futura tas-suq intern rigward kwistjonijiet oħra minbarra aċċess għal attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom."</td></tr>
<tr><td>Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali (DCD)<br>Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.)<br>ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1-27</td><td>26/1/19/REV/1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>"Aħna nappoġġaw il-prinċipju tal-armonizzazzjoni tar-rimedji fl-ambitu tad-Direttivi dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u dwar il-Kontenut Diġitali. Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jiċċara u jiddikjara l-interpretazzjoni tiegħu tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-rimedji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi.<br>Il-konsumaturi fir-Renju Unit għandhom aċċess għal rimedji mhux statutorji (ġurisprudenza minn imħallfin u rimedji "ġusti") li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, kif ukoll għar-rimedji statutorji li ddaħħlu b'riżultat tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum u Garanziji Assoċjati magħhom (1999/44/KE). Ir-rimedji mhux statutorji tar-Renju Unit kienu jeżistu qabel ir-rimedji statutorji li jirriżultaw mid-Direttiva attwali. Huma jaqdu funzjoni importanti li tikkomplementa r-rimedji statutorji.<br>Aħna nirrikonoxxu li kien hemm tentattiv konkret biex dan jiġi akkomodat fit-test tad-direttiva, b'mod partikolari b'referenza għall-Premessa 14 tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti. Dawn id-dispożizzjonijiet jindikaw li ser ikun hemm aspetti tal-liġi nazzjonali li l-Istati Membri huma fil-libertà li jirregolaw.<br>Hija l-fehma tar-Renju Unit li r-rimedji mhux statutorji li huma aspetti tal-liġi nazzjonali, mhux speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, meta jsiru disponibbli b'żieda mar-rimedji statutorji meħtieġa skont din id-Direttiva, huma kompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva. Nixtiequ għalhekk nirriżervaw il-pożizzjoni tagħna dwar ir-regolamentazzjoni tar-rimedji mhux statutorji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi."</td></tr>
<tr><td>Direttiva dwar il-Kuntratti għall-Bejgħ ta' Oġġetti (DSG)<br>Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.)<br>ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28-50</td><td>27/1/19/REV/1</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>"Aħna nappoġġaw il-prinċipju tal-armonizzazzjoni tar-rimedji fl-ambitu tad-Direttivi dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti u dwar il-Kontenut Diġitali. Madankollu, ir-Renju Unit jixtieq jiċċara u jiddikjara l-interpretazzjoni tiegħu tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti fir-rigward tar-regolamentazzjoni tar-rimedji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi.<br>Il-konsumaturi fir-Renju Unit għandhom aċċess għal rimedji mhux statutorji (ġurisprudenza minn imħallfin u rimedji "ġusti") li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, kif ukoll għar-rimedji statutorji li ddaħħlu b'riżultat tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum u Garanziji Assoċjati magħhom (1999/44/KE). Ir-rimedji mhux statutorji tar-Renju Unit kienu jeżistu qabel ir-rimedji statutorji li jirriżultaw mid-Direttiva attwali. Huma jaqdu funzjoni importanti li tikkomplementa r-rimedji statutorji.<br>Aħna nirrikonoxxu li kien hemm tentattiv konkret biex dan jiġi akkomodat fit-test tad-direttiva, b'mod partikolari b'referenza għall-Premessa 14 tad-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti. Dawn id-dispożizzjonijiet jindikaw li ser ikun hemm aspetti tal-liġi nazzjonali li l-Istati Membri huma fil-libertà li jirregolaw.<br>Hija l-fehma tar-Renju Unit li r-rimedji mhux statutorji li huma aspetti tal-liġi nazzjonali, mhux speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi, meta jsiru disponibbli b'żieda mar-rimedji statutorji meħtieġa skont din id-Direttiva, huma kompatibbli mal-għanijiet tad-Direttiva. Nixtiequ għalhekk nirriżervaw il-pożizzjoni tagħna dwar ir-regolamentazzjoni tar-rimedji mhux statutorji li mhumiex speċifiċi għal-liġi tal-konsumaturi."</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-dazji tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/664 tal-15 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE fir-rigward ta' prodotti li huma eliġibbli għal eżenzjoni jew tnaqqis mid-dazju tal-baħar<br>ĠU L 112, 26.4.2019, p. 21-25 | 5975/19 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/654 tal-15 ta' April 2019 li temenda l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment<br>ĠU L 110, 25.4.2019, p. 36-38 | 6518/19 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>"Wara d-dikjarazzjoni tad-9 ta' April 2019 mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI li l-Istati Membri kkonfermaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw f'waqtu l-pakkett ta' deċiżjonijiet meħuda f'Lulju u Diċembru 2018, li ġew adottati aktar tard b'mod unanimu mill-Bord tal-Gvernaturi, il-Polonja tappoġġa d-Deċiżjoni li temenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-BEI bħala l-ewwel wieħed minn approċċ f'żewġ stadji li l-Istati Membri qablu dwaru. Bħala t-tieni stadju, l-Istatut tal-BEI ser jiġi emendat biex jimplimenta żieda asimmetrika tal-kapital tal-BEI, jiġifieri żieda tal-kapital fil-BEI sottoskritt mill-Polonja u r-Rumanija u l-emenda korrispondenti tal-Istatut. Din il-proċedura għandha tiġi ffinalizzata kemm jista' jkun malajr, inkluż l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kunsill wara li jinkisbu opinjonijiet mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Iż-żewġ emendi għall-Istatut tal-BEI għandhom jiġu adottati u jistennew id-dħul tagħhom fis-seħħ hekk kif ir-Renju Unit joħroġ mill-UE." | | | |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-UE u l-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/854 tal-15 ta' April 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali<br>ĠU L 147, 5.6.2019, p. 1-2 | 10861/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-UE u kull pajjiż individwali tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għall-estensjoni tal-EGNOS*<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u kull pajjiż individwali tan-nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għall-fini tal-istabbiliment tat-termini u l-kundizzjonijiet biex il-forniment tas-Sistema Ewropea tan-Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) jiġi estiż għar-reġjun tan-nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat | 7050/19 |

| | |
|---|---|
| *Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/702 tal-15 ta' April 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 120, 8.5.2019, p. 1-2 | 6730/18 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ l-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjoni prevista tal-Kunsill. Madankollu, fir-rigward tal-proċedura, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ma tistax tiġi kkundizzjonata mill-qbil tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-28/12).<br>Tali pass proċedurali addizzjonali, ta' natura intergovernattiva, mhuwiex previst fl-Artikolu 218 tat-TFUE u huwa inkompatibbli ma' dik id-dispożizzjoni.<br>Madankollu, il-Kummissjoni tifhem li dan il-pass mhuwiex imsemmi fl-abbozz ta' Deċiżjoni u li mhuwiex parti minn din il-proċedura ta' adozzjoni." | |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja**<br>"Spanja b'dan tiddikjara li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranità li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 hija infurmat lill-Kummissjoni li hija ma baqgħetx tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data 'l hawn, hija ma tikkunsidrax aċċettabbli li tibqa' ssir referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni kif kienet qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni ġdida." | |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-UE wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/704 tal-15 ta' April 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 120, 8.5.2019, p. 4–4 | 12256/14 |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja**<br>"Spanja b'dan tiddikjara li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranità li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 hija infurmat lill-Kummissjoni li hija ma baqgħetx tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data 'l hawn, hija ma kkunsidratx aċċettabbli li tibqa' ssir referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni kif kienet qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni ġdida." | |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Politika dwar ir-ritorn tal-Latvja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn | 8622/19 |
| *Rakkomandazzjoni għall-evalwazzjoni ta' Schengen - Politika dwar il-viża tal-Finlandja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet serji identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Finlandja tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi | 8623/19 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Fruntiera esterna tal-Finlandja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Finlandja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna | 8624/19 |

| | |
|---|---|
| *Relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti*<br>a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati dwar l-eliminazzjoni ta' tariffi għal prodotti industrijali u direttivi ta' negozjati relatati | 6052/19 |
| *Relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti*<br>b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati dwar il-valutazzjoni tal-konformità u direttivi ta' negozjati relatati | 6053/19 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar fondi diżimpenjati mill-għaxar FEŻ għar-rifornimenti tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/640 tal-15 ta' April 2019 dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-fini tar-rifornimenti tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika<br>ĠU L 109, 24.4.2019, p. 24-25 | 7921/19 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/615 tal-15 ta' April 2019 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)<br>ĠU L 105, 16.4.2019, p. 25-30 | 7988/19 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-COP 9 tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar l-emendi tal-Anness III*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/668 tal-15 ta' April 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-elenkar ta' ċerti kimiċi fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat Minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali<br>ĠU L 113, 29.4.2019, p. 4-5 | 7103/19 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fl-14-il COP għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar l-emendi tal-Annessi II, VIII u IX*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/638 tal-15 ta' April 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Annessi II, VIII u IX għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment minnu ĠU L 109, 24.4.2019, p. 19–21 | 7863/19 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-COP 9 għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar l-emendi*<br>*tal-Annessi A u B*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/639 tal-15 ta' April 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal- emendi tal-Annessi A u B għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes<br>ĠU L 109, 24.4.2019, p. 22-23 | 7893/19 |

| Proċeduri bil-miktub konklużi fid-29 ta' April 2019 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/678, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/672 dwar miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma<br>ĠU L 149, 30.4.2019, p. 1-1 | 8540/19 |